**Laqgħa Numru 4**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**13 ta' Settembru 2019**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 28, Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.10 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | - Sindku |
| Paul Azzopardi | - Viċi Sindku |
| Jeanelle Attard | - Kunsilliera |
| Johnny Vella | - Kunsillier |
| Domenic Zerafa | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

- Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Hubert Saliba ippresieda l-laqgħa.

**4.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

4.1.1 Il-membri tal-Kunsill kienu kollha preżenti u għahekk ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera x'jinqraw.

**4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

4.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 3 li saret nhar it-Tnejn 5 t'Awwissu 2019 kienu ġew ċċirkolati b'imejl minn qabel il-laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Ġew preżenti l-Minuti tal-Laqgħa Numru 2. Dawn ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

4.2.2 Is-Sindku Hubert Saliba ppropona u l-Kunsill qabel li għandha tinbidel l-ordni tal-aġenda tal-laqgħa b'tali mod li item numru 4.5 tiġi diskussa issa.

**4.5 Quarterly Reports**

4.5.1 Fil-laqgħa daħal l-*accountant* Darren Mercieca li qassam kopja tal-Quarterly Reports għall-perjodu Jannar-Marzu 2019 u April-Ġunju 2019. Hu spjega li l-Kunsill kien qiegħed f'pożizzjoni finanzjarja tajba. Il-membri tal-Kunsill unanimament approvaw dawn ir-rapporti li ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

4.5.2 L-*accountant* ġibed l-attenzjoni fuq il-lista ta' kredituri u spjega li hemm pagament antiki li l-Kunsill għandu jara li jgħaddi.

4.5.3 Il-Viċi-Sindku għamel referenza għas-sodisfazzjon li jħoss li beda l-Leġislatura preċedenti fil-kariga ta' Sindku b'defiċit kbir u l-accounts illum juri surplus sostanzjarju fi ħdan il-Kunsill. Il-Viċi Sindku ssostna li hu rnexxiellu xorta waħda jagħmel proġett bil-ħili li jakkwista fondi u għajnuna mill-Ministeru t'Għawdex u anke minn ministeru oħra.

**4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

4.3.1 **Ġnien Blankas** Is-Sindku ppreżenta d-disinn għat-tabella ta' Ġnien Blankas minn l-artist Paul Stellini. Id-disinn ġie approvat unanimament mill-membri kollha tal-Kunsill. Is-Sindku kkomunika li xtaq li jinxtraw mwejjed tal-injam għall-Ġnien Blankas biex iservu bħala *picnic area.* Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu waqt li l-Kunsiller Domenic Zerafa talab ukoll li dawn jintrabtu biex jiġi evitat li dan jinsterqu .

4.3.2 **Ħarġa Malta** Is-Sindku kkomunika li kienu ħafna r-residenti li talbuh biex jorganizza ħarġa għall-Malta. Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa għan-nofs Ottubru. Il-membru tal-

Kunsill qablu ma' din il-proposta. Is-Sindku kkomunika li xtaq joganizza ħarġa għat-tfal tal-iskola fil-vaganzi ta' Novembru. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li tieħu ħsieb din il-ħarġa hi hekk kif dan kien id-dekasteru li jappartjeni lilha. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

4.3.3 **Proġett ta' Ġnien Il-Ħaddiem** Is-Sindku spjega li hekk kif kien ser isir żvilupp mill-Ministeru t'Għawdex fi Ġnien Il-Ħaddiem biex dan jinbidel f'Theme Park issa kien iċ-ċans li l-Kunsill jaħseb biex jibni *stores.* S'issa l-Kunsill qatt ma kellhu garaxx jew post fejn jaħżen. Il-membri kollha qablu ma' din il-proposta'.

4.3.4 **Transfer ta' ħaddiem mal-Kunsill tax-Xewkija** Is-Sindku kkomunika li kien tkellem mal-Ministru rigward il-possibilta' li s-Sur Teddy Mizzi jiġi allokat mal-Kunsill tax-Xewkija wara li kien is-Sur Teddy Mizzi stess li wera x-xewqa li jiġi transferit għal mal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu u s-Segretarju ħadet nota biex tibgħat imejl lil Ministru minnufih

4.3.5 **Measure 4.4** Is-Sindku rreferra għat-tender tal-Ħitan tas-Sejjieħ fejn meta tkellem ma' ħaddiema tal-Eco Gozo dawn ikkonfermaw li min-naħa tagħhom kienet saret applikazzjoni biex isiru l-ħitan tas-sejjieħ f'dawn it-toroq. Is-Segretarju kkomunikat li kienet bagħtet imejl biex tikkonferma dan mad-Direttur ta' EcoGozo imma kienet għadha bla risposta. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew u ġie deċiż li għandna mmexxu bl-iffirmar tal-kuntratt ħalli jkun jista' jibda x-xogħol minnufih.

4.3.6 **Interactive Noticeboard fil-Pjazza** Is-Sindku ppropona li jitwaħħal *interactive noticeboard* mal-ħajt fil-latrina li jservi biex ir-residenti tax-Xewkija jkunu nfurmati b'dak li jkun għaddej fir-raħal. Il-membri tal-Kunsill qablu u s-Segretarju ħadet nota biex jinġabru l-kwotazzajonijiet.

4.3.7 **Uniformi għall-ħaddiema** Is-Sindku ppropona li ssir uniformi għall-ħaddiema ta' barra. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' din il-proposta.'

4.3.8 **Tabella bil-ħinijiet tal-Kunsill** Is-Sindku ssuġġerriexxa li ssir tabella mal-bieb bil-ħinijiet tal-ftuħ tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

4.3.9 **Servizz ta' Transport għall-iskola** Is-Sindku poġġa fuq il-mejda l-unika kwotazzjoni mitfugħa li l-Kunsill kien irċieva għas-servizz ta' minibus għall-iskola. Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil unanimu li dan is-servizz jiġi offrut bħas-snin 'l imgħoddija. Il-mini-bus kellha tkun 18 *seater*. Min jagħmel użu mis-servizz kellhu jħallas €15.00 għal *one-way* u €30.00 għal *two-way* għal kull term.

**4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

4.4.1 Il-Viċi-Sindku Paul Azzopardi staqsa lis-Segretarju jekk kienx ġie ppublikat it-*tender* għall-Playing Field tal-Ħamrija. Is-Segretarju wieġbet li l-Perit kien għadu ma kkonfermax l-istimi tax-xogħol. Hi kkomunikat li mingħajr l-approvazjoni tal-Perit ma tistax toħroġ it-tender.

4.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ikkomunikat li kienet tkellmet mas-Sur Laurence Sciberras dwar il-possibilta' li jsir tour għal Sardegna fis-sajf 2020. Is-Sur Sciberras aċċetta li jaħdem fuq dan it-tour. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li l-aħjar żmien biex dan it-tour isir kien Lulju.

4.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk kienx hemm xi risposta fuq l-iskema tal-Librerija u fuq l-iskema tas-CIES Scheme. Is-Segretarju wieġbet li kienet staqsiet lid-Direttur Marisa Pisani meta kien se jkollna risposta u li d-Direttur kkonfermat li kellna jkollna risposta fi żnien qasir.

*5.00pm Il-Viċi-Sindku kien skużat mil-laqgħa minħabba mpenji personali.*

4.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ikkomunikat li kienet tkellmet mas-Sur George Mizzi fuq il-possibilta' li terġa' titella' l-produzzjoni "L-Għanja Tal-Battista." Il-membri preżenti ddiskuttew u kien hemm qbil li produzzjoni bħal din xieraq tittella' fl-anniversarju tal-175 sena mill-wasla tal-istatwa ta' San Ġwann Battista u 25 sena mill-produzzjoni oriġinali ta' din il-produzzjoni. Is-Segretarju ħadet nota biex tinforma lill-Arċipriet u lil Mikelanġ Camilleri bil-laqgħa li kellha ssir fis-26 ta' Settembru 2019.

4.4.5 B'referenza għall-applikazzjoni tal- *European Week for Waste Reduction* (EWWR) il-Kunsilliera Jeanelle Attard ipproponiet li minnufih jinġabru kwotazzjonijiet għal *videographer* biex ikun jista' jiffilmja lill-istudenti jaqraw is-slogan fuq metodu kif wieħed jista' jkun aktar sostenibli. Il-Kunsill qabel u s-segretarju ħadet nota ta' dan.

4.4.6 Il-Kunsillier Johnny Vella ġibed l-attenzjoni dwar il-parkeġġ bl-addoċċ fil-pjazza. Is-Sindku talab is-suġġerimenti tal-membri tal-Kunsill dwar x'wieħed jista' jagħmel hekk kif sfortunatament l-infurzar mill-pulizija u mill-gwardjani lokali huwa ineżistenti.

4.4.7 Il-Kunsillier Johnny Vella ġibed l-attenzjoni li l-BIS f'Tal-Barmil ma kinux qed jitbagħtlu u kien qed ikun hemm ħafna skart. Kellha tinġibed l-attenzjoni lill-kuntrattur biex jieħu ħsieb jiġbor l-iskart madwar il-BIS fl-art speċjalment ħġieġ hekk kif setgħu iweġġgħu tfal u anke adulti bil-ħġieġ daqshekk qrib il-playing field.

4.4.8 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab biex meta jsir *patching* issir Triq Ġnien Is-Sultan. Is-segretarju ħadet nota ta' dan.

4.4.9 Il-Kunsillier Johnny Vella staqsa lis-Segretarju dwar l-installazjoni tal-*cameras* fil-*Playingfield* tal-Barmil. Is-segretarju għarrfet lil Kunsill li kellmet lil Inġinier biex jipprepara l-BOQ. Dan kien mar fuq il-post u kien talab li jsir *survey* li kien qed jiġi ppreparat minn Jean Paul Cefai.

4.4.10 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard infurmat lill-membri tal-Kunsill li kienet attendiet laqgħa mas-Sa Chantelle Tabone tal-MEUSAC u kienet qed tieħu ħsieb applikazzjoni ta' Erasmus+ ma' Castelvenere li kellha tiġi sottomessa fl-1 ta' Marzu 2020.

4.4.11 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet il-korsijiet li kienu se jiġu pprovduti tul ix-xhur tax-Xitwa. Il-Kunsill qabel mal-lista ta' korsijiet u s-Segretarju ħadet not biex avviż ta' dawn il-korsijiet jiġi mqassam f'kull residenza.

4.4.12 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet kif kienet ser isir ħarġa bit-trejn meta hi ma kinitx infurmata. Is-Segretarju kkonfermat li din kienet diskussa u deċiża waqt il-Laqgħ Nru 3 billi rreferriet għall-minuti.

## 4.6 Jum Ix-Xewkija

4.6.1 Is-Sindku ppropona li din is-sena Gieh Ix-Xewkija jingħata lis-Surmast Anthony Borg wara li dan kien temm l-impenn tiegħu bħala Surmast tal-Banda Prekursur wara 22 sena f'din il-kariga. Is-Segretarju ċċekjat li kien possibli li xi ħadd minn barra r-raħal jingħata dan il-premju. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard oġezzjonat u ssuġġerriet li jerġgħu joħorġu n-nominazzjonijiet bħas-snin l-imgħoddija għax fl-opinjoni tagħha dan il-premju kellhu jingħata lil min kien ikbar fl-eta'. Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill ġie deċiż li n-nominazzjonijiet għandhom jiftħu.

4.6.2 Is-Sindku pporopona u l-membri preżenti qablu li n-nominazzjonijet għal Ħidmet Iż-Żgħażagħ jiftħu ukoll.

4.6.3 Is-Sindku ppropona li fis-serata' jingħata ċertifikat lil dawk l-adulti li attendew għall-korsijiet tas-sajf. B'hekk il-Kunsill ikun qed jirrikonoxxi l-isforz li sar biex dawn jibqgħu jitgħallmu u jħajjar lill-oħrajn biex ikomplu jitgħallmu. Bħas-sena li għaddiet għandu jingħata ċertifikat lil dawk li grawdaw mill-Universita' ta' Malta s-sena li għaddiet. Għandha ssir ukoll l-attivita' fl-iskola il-Ġimgħa 22 ta' Novembru 20198 fejn l-istudenti jingħataw logħob edukattiv bħala rigal. Dawk it-tfal li ma jattendux l-iskola primarja tax-Xewkija kellhom jiġbru r-rigal mill-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dawn il-proposti.

4.6.4 Is-Sindku kkomunika li s-Sur John Cefai ta' Cefai Formal Wear kien se joffri li jlibbes il-preżentatur waqt is-serata' ta' Jum Ix-Xewkija. Is-Sindku ppropona li l-preżentaturi għandhom ikunu tnejn u kien issuġġerriexxa lil Joseph Grima u lil Maria Mercieca. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard kienet tal-opinjoni li m'hemmx għalfejn ikunu żewġ preżentaturi.

4.6.5 Is-Sindku ppropona li fis-serata ssir pjattaforma biex jiddaħħal żfin klassiku. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu waqt li l-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġerriet li mhux biss l-għalliema għandha tkun mix-Xewkija imma anke ż-żeffiena għandhom ikunu mix-Xewkija.

4.6.6 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li jintbagħat invit lil Kunsill ta' Castelvenere biex ikunu fostna għas-serata ta' Jum Ix-Xewkija. Il-membri qablu u s-Segretarju ħadet nota ta' dan. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġerriet li jittella' filmat fuq il-ħidma tal-Kunsill f'din is-sena. Il-membri preżenti qablu ma' dan.

4.6.7 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li jingħata rikonoxximent lil Dun Ġużepp Camilleri. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan.

4.6.8 Il-membri tal-Kunsill preżenti ddiskuttew jekk is-serata kellhiex tittella' l-iskola jew fit-Teatru Govanni. Ġie deċiż li din is-serata' tittella' fis-sala tal-iskola.

## 4.7 Korrispondenza u Materiji Oħra

4.7.1 Imejl mingħand is-Sur Charles Borg, segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Prekursur, fejn ikkonferma li l-Banda Prekursur ser tkun tista tagħti s-servizz tagħha għal Programm ta' Jum ix-Xewkija.

4.7.2 Ċirkulari AKL 2019/087 dwar EU consultancy – MEUSAC b'informazzjoni dwar fondi Ewopej.

4.7.3 Ċirkulari Numru 16/2019 – Tħassir tar-regolamenti dwar Kumitati Amministrattivi għal komunitajiet.

4.7.4 Ċirkulari Numru 15/2019 – Emenda fir-Regolamenti dwar KL (finanzi) – sistema tal-petty cash.

4.7.5 Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ flimkien mad-Delegata tal-Congress of the Local and Regional Authorities at the Council of Europe jistiednu lis-Sindku u l-Kunsilliera għal attivita maż-żgħażagħ imsejħa Local You.

4.7.6 Ċirkulari AKL 2019/073 dwar eSkills Malta Foundation.

4.7.7 Imejl mingħand Fabian Galea dwar Parteċipazzjoni fil-European Week of Regions and Cities 2019 fi Brussel – Ottubru 2019.

4.7.8 Imejl mingħand  is-SaJosianne Cassar dwar proposta għal ġemellaġ bejn Besiktars u lokalita f'Malta u Għawdex.

4.7.9 Talba mingħand Xewkija Tigers F.C għal koperazzjoni mill-Kunsill Lokali ix-Xewkija għal kommemorazzjoni ta’ żewġ anniversarji tal-istess club. Is-Sur Joseph Attard bagħat ukoll l-istimi tal-ispejjeż. Il-membri tal-Kunsill qablu li dan l-avveniment isir b’kolloborazzjoni.

4.7.10 Ċirkulari AKL 2019/053 dwar il-Mental First Aid b’stedina għal kors dwar dan is-suġġett.

4.7.11 Imejl mingħand Joseph Sultana dwar Treasure Hunt li l-Ministeru għal Għawdex ser ikun qed jorganizza bħala parti mil-European Mobility Week.

4.7.12 Stedina mingħand l-Għaqda tal-Armar għall-Ikla Tradizzjonali fl-okkażjoni tal-Festa tal-Martirju ta’ San Ġwann.

4.7.13 Ċirkulari AKL 2019/078 – Reġistrazzjoni Teambuilding. Din l-attivita ser tkun organizzata għall-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema mal-Kumitati Reġjonali u Kunsilli Lokali.

4.7.14 Ċirkulari AKL 2019/092 – Rapport mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Rapport maħruġ mill-Uffiċju tal-Awditur Ġenerali rigward il-ħaddiema mal-CWSEF.

4.7.15 Imejl mingħand ic-CRPD dwar ilment li rċivew minħabba Giovanni Kitchen and Lounge peress li qed jostakola l-aċċessibilita għal-Lift tal-Public Convenience fi Pjazza San Ġwann Battista.

4.7.16 Imejl mingħand is-Sur Stephen Spiteri, Service Manager Gozo Church Schools – dwar quddies għall-Għalliema. Huwa talab biex jekk hu possibli jiġi kklerjat xi parkeġġ fil-pjazza jew ikun hemm gwardjan lokali biex jevita milli tinħoloq konġestjoni tat-traffiku.

4.7.17 Direttiva 3/2019 dwar Contracts Manager.

4.7.18 Ċirkulari AKL 2019/093 dwar informazzjoni tal-użu tal-Midja Soċjali.

4.7.19 Ċirkulari AKL 2019/095 – Inizzjattiva Wasteserv. Informazzjoni dwar proġetti li l-Wasteserv qed taħdem fuqhom fil-preżent.

4.7.20 Ċirkulari AKL 2019/099 – Invit lill-Kunsilliera għad-Delta Tech Week.

4.7.21 Imejl mingħand is-Sur Anthony Cordina dwar Coasting and ENERJ Project – Gozo Regional Committee.

4.7.22 Talba mis-Sa Tania Attard f’isem il-kumitat tal-Fundraising tal-Parroċċa, għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill dwar għajnuna finanzjarja mill-Kunsill fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna Tal-Ħniena. Uħud mill-ispejjeż huma Bouncing Castle - €150 u kiri ta’ siġġijiet u mwejjed - €170. Il-membri tal-Kunsill qablu l li din l-attivita’ isir b’kolloborazzjoni mal-Kunsill.

4.7.23 Imejl mingħand Maria Anna Farrugia mill-Ministeru għal Għawdex fejn infurmat lil Kunsill li l-inawgurazzjoni tal-Pjazza ser isir il-Ġimgħa 4 ta' Ottubru 2019.

4.7.24 Ċirkulari AKL 2019/103 – Żoni problematiċi – Caravans. L-AKL qed tiġbor lista tal-lokalitajiet bi problema ta' caravans biex ikun jista jiġi ffurmat sotto-kumitat biex il-problema tkun tista tiġi analizzata.

4.7.25 Imejl mingħand is-Sur Carmel Busuttil dwar il-Ktieb 'Ruins of a Megalithic Temple at Xewchia (Shewkijah) Gozo. First Report.' Fr Charles Cini SDB, l-editur, qed joffri kotba għall-Kunsill bi prezz ta' €5 minflokk €30.

4.7.26 Imejl mingħand is-Sa Nikita Farrugia dwar l-aċċess għall-Public Convenience. Hija talbet apoloġija tal-iżball min-naħa tagħhom meta għalqu l-aċċess.

4.7.27 Ċirkulari AKL 2019/107 – LCA and GreenPak. L-AKL flimkien ma GreenPak ser joffru Seminar dwar l-immaniġjar tal-iskart.

4.7.28 Imejl mingħand is-Sa Clotilde Spiteri dwar it-Tilqima tal-Influwenza fej il-lista ta' persuni li jixtiequ jieħdu t-tilqima kellhom jirreġistraw mal-Kunsill biex il-lista tintbagħat mat-30 ta' Settembru 2019.

4.7.29 Talba għall-Loading/Unloading Bay fil-Pjazza tax-Xewkija

4.7.30 Talba għal bozza fil-bidu ta' Triq Il-Ħamrija min-naħa ta' Għajn Qatet peress li din il-parti hi mudlama. Il-membri tal-Kunsill approva li din isir.

4.7.31 Talba għal żewġ Loading/Unloading Bay fil-pjazza mis-St John Foodstore u X-Treme Sports li għaddiet direttament lil TM. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li ma kienx hemm lok għal żewġ Loading/Unloading Bays imma waħda biss. Il-Kunsill ideċċieda li kien ser iħalli f'idejn TM biex tagħmel l-evalwazzjoni tagħha.

4.7.32 Talba għal Loading/Unloading Bay fi Triq Il-Knisja. Il-Kunsill iddiskutta u fuq ir-regoli ta' TM din it-talba ma kinitx ser tgħaddi għand TM peress li min kien qed jitlob dan it-tip ta' parkeġġ għandu garaxx.

**4.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

4.8.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. Ittieħed vot fuq Numru ta' Pagament 105 fejn ġie approvat li jgħaddi b'tlett voti kontra wieġed. Pagament numru 117 ma ġiex approvat. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**4.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

4.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm. Il-Kunsilliera unanimament qablu li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tnejn 14 ta' Ottubru fl-4.00pm.

Konfermati, illum 14 t'Ottubru 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _______________________ | _______________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |